

32003D0397

L 145/21

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.6.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tad-19 ta' Mejju 2003****dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet, l-għanijiet intermedji u l-kondizzjonijiet li jinsabu fs-Sħubija ta' l-Adeżjoni mar-Rumanija****(2003/397/KE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

qabel l-adeżjoni bis-Sħubija ta' l-Adeżjoni riveduti, li jiġu ppreżentati lilhom is-sena d-diehra.

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 622/98 tas-16 ta' Marzu 1998 dwar assistenza lill-Istati applikanti fil-qafas ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni, u partikolarment biex ikunu stabbiliti Sħubija fl-Adeżjoni ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu,

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 622/98 jistabbilixxi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi, b' maġġoranza kwalifikata u fuq proposta tal-Kummissjoni, dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet, l-għanijiet intermedji u l-kondizzjonijiet li jinsabu fs-Sħubija ta' l-Adeżjoni individwali, kif mogħtija lil kull Stat applikant, kif ukoll dwar aġġustament sinifikanti sussegwenti applikabbli għalihom.

Wara li kkonsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

- (4) L-assistenza tal-Komunità tingħata fuq il-kondizzjoni li jkunu rrealizzati l-elementi essenzjali, u partikolarment fir-rispett ta' l-impenn li jinsab fil-Ftehim Ewropej u il-progress lejn ir-realizzazzjoni tal-kriterji ta' Copenhagen; jekk ikun hemm element essenzjali nieqes, il-Kunsill, b' maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jieħu passi xierqa dwar kwalunkwe assistenza ta' qabel l-adeżjoni.

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu afferma li s-Sħubija ta' l-Adeżjoni huwa strument ġdid u element essenzjali fit-tisħiħ ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni.

- (5) Il-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu iddeċieda li l-implimentazzjoni tas-Sħubija ta' l-Adeżjoni u l-progress fl-adozzjoni ta' l-acquis communautaire ikun eżaminat mill-korpi tal-Ftehim ta' l-Ewropa.

- (2) Il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen afferma li, wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel u jekk ikun hemm aktar progress fit-taris tal-kriterji tas-sħubija, l-għan huwa li r-Rumanija tkun milqugħa bħala membru ta' l-Unjoni Ewropea fl-2007. Huwa approva l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar triq gwida għar-Rumanija, li tinkludi l-proposti għal żieda sinifikanti fl-assistenza ta' qabel l-adeżjoni, u afferma li l-livell għoli ta' finanzjament disponibbli għandu jintuża b' mod flessibbli, immirat lejn il-prijoritajiet identifikati, inkluż f'setturi importanti bħall-ġustizzja u l-intern. Huwa afferma li għandha tkun ipprovduta aktar superviżjoni tax-xogħol ta'

- (6) Ir-rapport regolari tal-Kummissjoni ta' l-2002 jippreżenta analiżi oġġettiva tal-preparazzjoni tar-Rumanija għas-sħubija u jidentifika numru ta' setturi ta' prijorità għal aktar xogħol.

- (7) Ir-Rumanija teħtieġ tiżgura li jkunu mdaħħla l-istrutturi legali u amministrattivi xierqa għall-ipprogrammar, kordinazzjoni, amministrazzjoni, kontroll u evalwazzjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni tal-Komunità,

⁽¹⁾ ĠU L 85, 20.03.1998, p. 1.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 622/98, il-prinċipji, il-prijoritajiet, l-għanijiet intermedji u l-kondizzjonijiet fis-Sħubija ta' l-Adeżjoni għar-Rumanija huma stabbiliti fl-Anness tiegħu, li jiffirma parti ntegrali ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 2003.

Artikolu 2

L-implimentazzjoni tas-Sħubija ta' l-Adeżjoni għandha tkun eżaminata mill-korpi tal-Ftehim Ewropew u mill-korpi xierqa tal-Kunsill fuq il-bażi ta' rapporti regolari mill-Kummissjoni lill-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

F'isem il-Kunsill

Il-President

G. PAPANDREOU

ANNEX

1. INTRODUZZJONI

Fil-laqgħa tiegħu fil-Lussemburgu f'Diċembru ta' l-1997, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li s-Sħubija ta' l-Adeżjoni ikunu element importanti fit-tisħiħ ta' l-istrategġija ta' qabel l-adeżjoni, li jimmobilizzaw il-forom kollha ta' assistenza lill-pajjiżi kandidati fi ħdan qafas wieħed. B'dan il-mod, il-Komunità timmira l-assistenza tagħha lejn ħtiġijiet speċifiċi ta' kull kandidat sabiex ttiprovdi appoġġ biex jingħelbu problemi partikolari fit-triq lejn l-adeżjoni.

L-ewwel Sħubija fl-Adeżjoni għar-Rumanija kien deċiż f'Marzu ta' l-1998. Kif previst fir-Regolament (KE) Nru 622/98 (l-Artikolu 2), is-Sħubija ta' l-Adeżjoni kien aġġornat l-ewwel darba f'Diċembru ta' l-1999, u t-tieni darba f'Jannar ta' l-2002⁽¹⁾, fejn ikkonsidra żviluppi oħra fir-Rumanija. Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-triq gwida għar-Rumanija, kien affermat li l-Kummissjoni ttipponi Sħubija fl-Adeżjoni rivedut għar-Rumanija fid-dawl tas-sejbiet tar-rapport regolari u t-triq gwida ta' l-2002. Il-komunikazzjoni affermat ukoll li l-kwistjonijiet għal żmien qasir u medju identifikati fit-toroq gwida ikunu żviluppati aktar fs-Sħubija ta' l-Adeżjoni rivedut li għandu jkun ippreżentat is-sena d-dieħla, u li s-Sħubija ta' l-Adeżjoni ikompli jkun il-bażi għall-ipprogrammar ta' l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni, imma li l-prijoritajiet għall-assistenza ikunu mfassla fuq ir-rapport regolari, it-triq gwida u l-pjanijiet nazzjonali riveduti għall-iżvilupp li għandhom jitħejjew mir-Rumanija skond il-ħtiġijiet tal-Fondi Strutturali. Kien affermat li s-Sħubija ta' l-Adeżjoni jikkomplimenta it-triq gwida u, meħuda flimkien, ikunu l-għodda ewlenin li jiggwidaw ix-xogħol tar-Rumanija fil-preparazzjoni għall-adeżjoni fl-UE.

2. GĦANIJET

L-għan tas-Sħubija ta' l-Adeżjoni huwa li jistabbilixxi f'qafas wieħed is-setturi ta' prijorità għal aktar xogħol identifikati fir-rapport regolari tal-Kummissjoni ta' l-2002 dwar il-progress li għamlet ir-Rumanija lejn is-sħubija fl-Unjoni u t-triq gwida, il-meżżi finanzjarji disponibbli biex jgħinu lir-Rumanija timplimenta dawn il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jgħoddu għal din l-assistenza. Is-Sħubija ta' l-Adeżjoni jipprovdi l-bażi għal numru ta' strumenti politiċi li għandhom jintużaw biex jgħinu lill-Istati kandidati fit-tħejjijiet tagħhom għas-sħubija. Dawn jinkludu, inter alia, il-proċedura ta' sorveljanza fiskali ta' qabel l-adeżjoni, il-programm ekonomiku ta' qabel l-adeżjoni, il-patt ta' qabel l-adeżjoni dwar il-kriminalità organizzata kif ukoll il-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp, il-pjanijiet għall-iżvilupp rurali, l-istrategġija nazzjonali għall-impiegi skond l-istrategġija Ewropea għall-impiegi, u pjanijiet settorjali meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-Fondi Strutturali wara s-sħubija u għall-implimentazzjoni ta' l-ISPA (Strument għall-politika strutturali għal qabel l-adeżjoni) u Sapard (Programm speċjali għall-adeżjoni għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali) qabel l-adeżjoni. Kull wieħed minn dawn l-istrumenti huwa differenti fin-natura tiegħu u huwa ppreperat u implimentat skond proċeduri speċifiċi u jista' jkun mgħejjun minn għajjnuna ta' qabel l-adeżjoni. M'humex parti integrali ta' dan is-Sħubija fl-Adeżjoni imma l-prijoritajiet li jinsabu fih ikunu kompatibbli miegħu.

3. PRINĊIPJI

Is-setturi ewlenin ta' prijorità identifikati għal kull Stat kandidat jikkonċernaw l-abbiltà tagħhom li jassumu l-obbligazzjonijiet li jilhq u l-kriterji ta' Copenhagen li jafferaw li s-sħubija teħtieġ:

- li l-Istat kandidat ikun laħaq l-istabbiltà ta' l-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet umani u r-rispett lejn u l-protezzjoni tal-minoranzi;
- l-eżistenza ta' l-ekonomija tas-suq li tkun funzjonabbli, kif ukoll il-kapaċità li jreġi taħt il-pressure tal-kompetizzjoni u l-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni;
- l-abbiltà li jassumi l-obbligazzjonijiet tas-sħubija, inkluż l-aderenza għall-għanijiet ta' l-unjoni politika, ekonomika u monetarja.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 Jannar 2002 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet, l-għanijiet intermedji u l-kondizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija ta' l-Adeżjoni mar-Rumanija (ĠU L 44, ta' l-14.2.2002, p. 82).

Fil-laqgħa tiegħu ta' Madrid fl-1995, il-Kunsill Ewropew emfasizza l-ħtieġa li l-Istati kandidati jaġġustaw l-istrutturi amministrattivi tagħhom biex jiżguraw it-tħaddim armonjuż tal-politika tal-Komunità wara l-adeżjoni. Fil-Lussemburgu, fl-1997, huwa emfasizza li l-inkorporazzjoni ta' l-acquis fil-leġislazzjoni hija meħtieġa, imma din minnha nnifisha mhux suffiċjenti minħabba li jeħtieġ ukoll li jkun żgurat li fir-realtà jiġi implimentat. Il-Kunsilli Ewropej ta' Feira u Gothenburg, fl-2000 u l-2001 rispettivament, ikkonfermaw l-importanza vitali tal-kapaċità tal-pajjiżi applikanti li jimplimentaw u jinfurzwaw l-acquis, u żiedu li dan jeħtieġ sforzi mportanti mill-applikanti biex isaħħu u jirrifirmaw l-istrutturi amministrattivi u ġudizzjarji tagħhom. Il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-2002 mill-ġdid emfasizza l-importanza ta' riforma ġudizzjarja u amministrattiva, li tgħin lir-Rumanija biex iġġib 'il quddiem it-tħejjiet tagħha għas-sħubija.

4. PRIJORITAJET

Ir-rapporti regolari tal-Kummissjoni emfasizzaw, minbarra l-progress li diġà sar, l-entità ta' l-isforzi li għad iridu jsiru f'ċertu setturi minn pajjiżi kandidati biex iħejju għall-adeżjoni. Ir-rapporti regolari ikkonkludew li r-Rumanija kompliet taderixxi mal-kriterji politiċi u minkejja li kompliet tagħmel progress lejn li jkollha ekonomija tas-suq funzjonabbli, xorta għad m' hijiex tilħaq il-kriterji ekonomiċi ta' Copenhagen. Sabiex tkompli bit-tħejjiet tagħha b' suċċess, ir-Rumanija jeħtieġ tkompli bl-isforzi tagħha biex iddaħħal fil-liġijiet tagħha, timplimenta u tinfurza l-acquis. Hija teħtieġ ukoll li tkompli bir-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika u l-ġudikatura sabiex ikollha il-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja għal dan.

It-triq gwida għar-Rumanija, li tkopri l-perjodu sa l-adeżjoni, tindika l-passi ewlenin li jeħtieġ li tieħu biex tkun lesta għas-sħubija. Hija bbażata fuq ir-rabtiet li saru fin-negozjati u fuq dak li jeħtieġ isir biex taderixxi mal-kriterji ta' Copenhagen u Madrid għas-sħubija. It-triq gwida għandha l-għan li ssostni l-isforzi tar-Rumanija li tilħaq il-kriterji li fadal għas-sħubija billi tidentifika l-kompiti futuri u tipprovdi aktar assistenza finanzjarja. Hemm enfażi partikolari fuq il-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja meħtieġa biex timplimenta l-acquis u fuq ir-riforma ekonomika. Għall-kapitoli ta' l-acquis, it-toroq gwida jipprovdu livelli li magħhom il-progress tar-Rumanija jista' jiġi mkejje. Dawn ikopru kemm l-allinjament tal-leġislazzjoni u wkoll l-iżvilupp tal-kapaċità amministrattiva.

Dan s-Sħubija ta' l-Adeżjoni rivedut jikkomplimenta t-triq gwida u, meħuda flimkien, dawn huma l-għodda ewlenin li jiggwidaw ix-xogħol tar-Rumanija fuq it-tħejjiet għall-adeżjoni fl-UE. Is-Sħubija ta' l-Adeżjoni jissokta jiżviluppa l-kwistjonijiet għal żmien qasir u medju identifikati fit-triq gwida, jidentifika l-prioritajiet li realistikament hu mistenni li r-Rumanija tista' twettaq jew tmexxi 'l quddiem sostanzjalment matul il-perjodu 2003-2004. Il-prioritajiet fis-Sħubija ta' l-Adeżjoni ġew stabbiliti bil-koperazzjoni tal-pajjiżi konċernati. Il-grad ta' assistenza mogħtija huwa kkondizzjonat minn jekk jintlaħqux dawn il-prioritajiet.

Huwa wkoll importanti li r-Rumanija taderixxi mar-rabtiet ta' l-approssimazzjoni legiſlattiva u l-implimentazzjoni ta' l-acquis skond ir-rabtiet magħmula taħt il-Ftehim ta' l-Ewropa, u fil-kuntest tal-proċess tan-negozjati. Għandu jinfakkar ukoll li l-inkorporazzjoni ta' l-acquis fil-leġislazzjoni m' hijiex minnha nnifisha suffiċjenti; huwa meħtieġ ukoll li jkun żgurat li attwalment qiegħed jiġi applikat bl-istess standards bħal dawk li japplikaw fl-Unjoni. Fis-setturi kollha elenkati taħt jeħtieġ implimentazzjoni w infurzar kredibbli u effettiv ta' l-acquis.

Fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-rapport regolari tal-Kummissjoni ta' l-2002 u t-triq gwida, kienu identifikati l-prioritajiet u l-għanijiet intermedji li ġejjin għar-Rumanija. Dawn il-prioritajiet huma ppreżentati skond l-istruttura tar-rapport regolari ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ L-ordni tal-presentazzjoni hija dik użata fir-rapport regolari u t-triq gwida ta' l-2002.

Il-Kriterji Politiċi

Id-demokrazija u l-istat tad-dritt

Ikun rivedut il-qafas leġislattiv ta' l-1999 dwar l-impjegati taċ-ċivil, introdotta il-leġislazzjoni sekondarja meħtieġa u stabbiliti il-mekkaniżmi u l-istrutturi ta' l-implimentazzjoni.

- Tkun adottata strateġija komprensiva għar-riforma tas-servizz ċivili li tikkjarifika ir-responsabbiltajiet istituzzjonali għar-riforma amministrattiva u li tkopri: (i) riforma komprensiva tal-ħlas li trid tiġi maqbula b' konsultazzjoni sħiħa ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, (ii) titjib fid-dispożizzjonijiet kemm għat-taħriġ inizjali kif ukoll għat-taħriġ fis-servizz, (iii) l-istituzzjoni ta' struttura ta' karrieri ibbażata fuq promozzjoni u evalwazzjoni trasparenti, (iv) l-introduzzjoni ta' elementi ta' amministrazzjoni moderna tar-riżorsi umani u (v) it-tisħiħ ta' l-istrutturi amministrattivi sabiex ikun żgurat li r-Rumanija għandha l-kapaċità għall-użu sħiħ u effettiv tal-fondi tal-Komunità. L-istrateġija għandha tistabbilixxi programm ta' riformi fsekwenza u wkoll tipprovdi qafas għall-għoti ta' assistenza multi-annwali.
- Tkun adottata strateġija komprensiva għar-riforma tal-proċess tal-formulazzjoni tal-politika li tkopri: (i) il-politika ta' kordinament u proċeduri ta' konsultazzjoni bejn il-ministeri, (ii) il-konsultazzjoni ta' daww kollha li għandhom interess, (iii) l-iscreening ta' l-abbozzi ta' leġislazzjoni kollha għall-impatti tagħha fuq l-estimi u (iv) l-iscreening ta' l-abbozzi ta' leġislazzjoni kollha għall-kompatibbiltà mal-Ftehim ta' l-Ewropa u l-acquis communautaire. L-istrateġija għandha tistabbilixxi programm ta' riformi fsekwenza u wkoll tipprovdi qafas għall-għoti ta' assistenza multi-annwali. Sabiex tkun implimentata din l-istrateġija għandha tkun stabbilita unit dedikata għar-riforma.
- Titnaqqas id-dipendenza fuq l-ordinanzi, u l-ordinanzi ta' emerġenza, bħala strumenti leġislattivi u jkun kkjarifikati ċ-ċirkostanzi li taħthom dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jintużaw.
- Tkun adottata strateġija komprensiva għall-amministrazzjoni tal-proċess kontinwu ta' deċentralizzazzjoni/dekonċentrazzjoni. L-istrateġija għandha tistabbilixxi programm ta' riformi fsekwenza u wkoll tipprovdi qafas għall-għoti ta' assistenza multi-annwali. u prevedibbli sabiex ir-riżorsi jilqgħu għaż-żieda fir-responsabbiltajiet.
- Tkun imsaħħa l-ġlieda kontra l-koruzzjoni billi: (i) titkompla l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija u l-programm ta' kontra l-koruzzjoni, (ii) tissaħħa l-awtonomija ta' l-Uffiċċju tal-Prosekutur Nazzjonali ta' Kontra l-Koruzzjoni, (iii) ikun introdott il-kunċett ta' sanzjonijiet kriminali jew amministrattivi u penali kontra persuni legali fir-Rumanija, (iv) ikunu żviluppati kodiċi ta' etika għall-professjonijiet importanti li jinkludu l-korpi għall-infurzar tal-liġijiet u l-ġudikatura u (v) tkun żgurata prosekuzzjoni effettiva.
- Titjib ta' l-infurzar tad-deċiżjonijiet ċivili u jkun żgurat li jkunu disponibbli r-riżorsi adegwati għall-ipproċessar ta' dawn id-deċiżjonijiet.
- Jitkomplew l-isforzi għall-iżvilupp ta' sistema effettiva tal-probation.
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija għar-riforma tal-ġudikatura li:
 - (i) tiżgura l-indipendenza sħiħa tal-ġudikatura partikolarment billi tistabbilixxi sistema trasparenti għar-reklutaġġ u l-għażla ta' maġistrati, titħassar id-dispożizzjoni li tħalli uffiċjali anzjani jinħatru imħallfin mingħajr il-ħtieġa li jgħaddu minn eżami u jkunu introdotti proċeduri legali trasparenti għat-tneħħija ta' imħallfin mill-uffiċċju u għas-sanzjoni tagħhom għal kondotta ħażina;
 - (ii) issaħħa il-professjonaliżmu tal-ġudikatura partikolarment billi ittejjeb il-programmi ta' taħriġ fl-Istitut Nazzjonali għall-Maġistratura (NIM), issaħħa l-abbiltà taċ-Ċentru għat-Taħriġ għall-Iskrivani biex jagħti kemm taħriġ inizjali u wkoll taħriġ fis-servizz u tiżviluppa taħriġ għall-persuni professjonali legali oħra bħall avukati, nutara, marixxalli, skrivani tal-qradi u persunal tal-Ministeru tal-Ġustizzja;
 - (iii) ittejjeb l-amministrazzjoni tal-qradi partikolarment billi timmodernizza l-amministrazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-każi, tiżviluppa kriterji ċari għall-assenjazzjoni tal-każi, l-introduzzjoni sistematika ta' modi alternattivi għar-riżoluzzjoni tal-kawżi, l-estenzjoni ta' l-adeżjoni għall-għajnuna legali bla ħlas u t-titjib ta' l-apparat u l-infrastruttura tal-qradi.

- Jitkompla l-proċess tar-riforma u l-modernizzazzjoni tal-pulizija partikolarment billi titlesta r-rijorganizzazzjoni interna, bit-tkomplija ta' l-isforzi għall-uffiċjali tal-pulizija li jirrispettaw b'mod sħiħ id-drittijiet umani bażiċi, it-twessiegħ ta' l-użu ta' approċċi ta' ħarsien tal-Komunità u jkun żgurat li tkun stabbilita u mħaddma sewwa sistema effiċjenti għall-eżaminazzjoni ta' ilmenti kontra kondotta ħażina ta' pulizija. Għandha tkun żgurata l-ađeżjoni tar-Roma għal din is-sistema.
- Jkunu riveduti dawk is-sezzjonijiet tal-Kodiċi Penali li jikkonċernaw ir-rabja verbali, malafama u offiżi kontra l-awtoritajiet sabiex ikun żgurat li dawn iħarsu d-dispożizzjonijiet ta', u l-case law li tikkonċerna, l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Umani.
- Tissaħħaħ iċ-ċertezza legali fl-ordni legali tar-Rumanija billi jkun ristrett id-dritt tal-Prosekutur Ġenerali li jressaq appelli straordinarji (u partikolarment l-appell għall-kanċellazzjoni) sabiex ikun żgurat li dan id-dritt ikun jista' jiġi eżerċitat biss f'każi limitati u skond kriterji legali oġġettivi.

Id-drittijiet umani u l-protezzjoni tal-minoranzi

- Jitkompla l-allinjament ta' l-acquis kontra d-diskriminazzjoni u tkun żgurata l-implimentazzjoni proprja tiegħu billi l-Kunsill Nazzjonali Rumen għall-Għieda kontra d-Diskriminazzjoni jiffunzjona b' mod sħiħ ⁽¹⁾.
- Titkompla r-riforma tas-sistema pubblika tal-kura tat-tfal skond l-istrateġija nazzjonali dwar il-protezzjoni tat-tfal f'diffikultà, billi tiffoka fuq l-għeluq ta' istituzzjonijiet ta' stil antik, it-tneħħija u l-prevenzjoni ta' l-istituzzjonalizzazzjoni permezz ta' servizzi soċjali alternattivi għall-familji u t-tfal. Tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU.
- Ikkunu żviluppati standards nazzjonali adegwati għas-servizzi kollha tal-protezzjoni tat-tfal, inkluż l-evalwazzjoni mill-ġdid ta' l-istandards sanitarji, u t-titjib tal-kapaċità ta' l-Awtorità Nazzjonali li twettaq spezzjonijiet fl-livell lokali.
- Ħidma lejn l-għeluq ta' l-iskejjel speċjali eżistenti permezz ta' l-iżvilupp ta' sistema ta' edukazzjoni inklussiva.
- Tkun implimentata l-istrateġija nazzjonali dwar l-isptarijiet tal-maternità, bil-għan li titnaqqas ir-rata ta' l-abbandun ta' tfal fi sptarijiet bħal dawn.
- Jinżamm f'postu il-moratorju fuq l-adozzjoni internazzjonali sakemm tidħol fis-seħħ leġislazzjoni ġdida kompatibbli ma' l-aħjar interessi tat-tfal u l-obbligazzjonijiet internazzjonali tar-Rumanija u tkun żgurata l-kapaċità amministrattiva li tkun implimentata il-leġislazzjoni l-ġdida.
- Ikkun pprovdut appoġġ finanzjarju adegwat u l-kapaċità amministrattiva sabiex tkun implimentata l-istrateġija nazzjonali dwar it-titjib tas-sitwazzjoni ta' Roma.
- Ikkun pprovdut appoġġ finanzjarju adegwat u l-kapaċità amministrattiva sabiex tkun implimentata l-istrateġija nazzjonali dwar it-titjib tas-sitwazzjoni ta' persuni b' diżabilità.

Kriterji Ekonomiċi

- Jitkompla t-tnaqqis tar-rata ta' l-inflazzjoni.
- Tkun stabbilita u implimentata strateġija li tnaqqas b' suċċess l-arretrati inter-enterprise.
- Ikkun żgurat kontroll strett ta' l-infiq fis-settur pubbliku.
- Tittejjeb ir-rata tal-ġbir tal-flus fis-settur ta' l-enerġija u jkunu adattati prezzijiet regolatorji skond l-iżvilupp ta' l-ispiża.

⁽¹⁾ Ara wkoll il-kapitolu dwar il-politika soċjali u l-impiegi.

- Fis-settur fiskali, ir-riformi għandhom itejbu l-proċeduri tal-budget u l-amministrazzjoni tan-nefqa pubblika, jissimplifikaw ir-regolamenti tat-taxxa, itejbu l-funzjonament ta' l-amministrazzjoni tat-taxxi, inkluż ir-rata tal-ġbir tal-flus dovuti u jimmiraw għal tnaqqis ta' l-ekonomija informali.
- Tittejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri tal-falliment.
- Fis-settur finanzjarju, trid tinġieb 'il quddiem ħafna il-privatizzazzjoni tas-settur bankarju, jiġi żviluppat is-settur finanzjarju non-bankarju u tiġi żviluppata u mtejba l-intermedjazzjoni finanzjarja.
- Iffaċilitat u mtejjeb l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà.
- Jitħaffef il-ħolqien ta' suq tal-proprjetà funzjonabbli bl-iżvilupp ta' politika għall-konsolidazzjoni ta' l-art agrikola, biex jitlestha l-ħruġ ta' titoli fuq l-artijiet u jissaħħu d-drittijiet tal-proprjetà.
- Jitħaffef il-progress fir-riforma ta' l-impriżi pubbliċi, inkluż it-tlestija tal-pjanijiet ta' ristrutturar, il-privatizzazzjoni ta' entitajiet vijabbli u l-likwidazzjoni ta' dawk mhux vijabbli. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żieda fit-trasparenza tal-proċeduri ta' l-ikkontjar fl-impriżi pubbliċi.
- Ikunu stabbilizzati r-regoli li jiggvernaw il-privatizzazzjoni u l-operazzjoni tan-negozju u tiżdied it-trasparenza tagħhom.
- Jiżdiedu il-volum u l-kwalità ta' l-investment pubbliku, inkluż l-infrastruttura, l-edukazzjoni, l-ambjent u s-saħħa.
- Jitnaqqsu l-livelli ta' għajjnuna diretta u indiretta mill-istat u jkun żgurat li l-istrutturar ikun konformi ma' l-acquis ta' l-għajjnuna mill-Istat sabiex jinħolqu ditti effiċjenti u kompetittivi.

L-abbiltà li jitwettqu l-obbligazzjonijiet tas-sħubija

Il-Moviment liberu ta' l-oġġetti

- Jitkompla d-dħul tad-direttivi kollha ta' approċċ ġdid u jkun żgurat li l-istandards armonizzati Ewropej jiddaħħlu fl-istandards Rumeni. Ikun sostnut l-iżvilupp tal-kapaċità istituzzjonali tal-korpi u laboratorji li jeżaminaw il-konformità. Ikunu ikkjarifikati ir-responsabbiltajiet u rinfurzata s-sorveljanza tas-suq fl-oqsma koperti mid-direttivi ta' approċċ ġdid.
- Jitlestha l-allinjament ma' l-acquis ta' leġislazzjoni ta' setturi speċifiċi għal setturi koperti mid-direttivi ta' approċċ ġdid.
- Tkun stabbilita sistema ta' sorveljanza tas-suq, u kemm l-amministrazzjoni u wkoll l-operaturi ta' l-ikel ikunu mħejjija biex japplikaw il-prinċipji tal-Komunità dwar is-sigurtà fl-ikel. Tkun ristrutturata s-sistema tal-kontroll ta' l-ikel. Tkun abolita is-sistema ta' l-approvazzjoni ta' l-ikel qabel jidħol fis-suq.
- Ikunu allokat i aktar riżorsi (f'termini ta' apparat u persunal) biex jitjiebu s-servizzi tal-kontroll ta' l-ikel.
- Ikun segwit l-allinjament tal-leġislazzjoni dwar l-offerti pubbliċi u tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa tagħha, kif ukoll it-trasparenza fl-offerti pubbliċi.
- Tkun eżaminata l-leġislazzjoni fis-settur mhux armonizzat biex ikun żgurat li hija skond l-Artikoli 28 sa 30 tat-Trattat tal-KE u jkunu eliminati id-dispożizzjonijiet li jiksru dawn l-Artikoli. Jittieħdu passi biex jiġu stabbiliti arranġamenti amministrattivi għall-kontroll futur ta' dan il-qasam. Ikun integrat il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fil-leġislazzjoni rilevanti dwar il-merkanzija.
- Tkun rinfurzata il-kapaċità amministrattiva, partikolarment dwar l-implimentazzjoni tad-direttivi ta' approċċ ġdid u l-acquis dwar il-prodotti industrijali.

Il-moviment liberu tal-persuni

- Jitkompla l-allinjament tal-leġislazzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, billi jkunu indirizzati partikolarment in-nuqqasijiet identifikati fis-settur tar-rikonoxximent reċiproku tal-kurrikuli u t-taħriġ ta' l-infermiera, tobba, dentisti, qwiebel u spiżjara.
- L-allinjament tal-leġislazzjoni mar-regoli tal-Komunità dwar il-ħtiġijiet tan-nazzjonalità u l-lingwa.
- Jitkompla l-allinjament ma' l-acquis fl-oqsma tat-trattament ugwali, permessi ta' xogħol, permessi ta' residenza u pensjonijiet supplimentari.
- Jissaħħu s-servizzi pubbliċi ta' l-impiegi bil-għan li jipparteċipaw fin-network tal-EURES. Enfażi partikolari għandha titpoġġa fuq it-taħriġ tal-lingwa għall-persunal.
- Jittieħdu miżuri preparatorji biex jitwettqu l-obbligazzjonijiet finanzjarji u amministrattivi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

Il-libertà li jkunu pprovduti servizzi

- Tkun rinfurzata s-sorvelja tas-servizzi finanzjarji u tpoġġi għad-dispożizzjoni riżorsi umani adegwati biex tkun implimentata leġislazzjoni għida.
- Jittejjeb il-qafas istituzzjonali tas-sorvelja finanzjarja u jkompli jkun segwit l-allinjament tal-leġislazzjoni, partikolarment fl-oqsma tat-titoli u l-assigurazzjoni.
- Jittejjeb il-qafas prudenzali għas-settur bankarju dwar il-konsolidazzjoni u l-adeġwità tal-kapital.
- Jiġi żviluppati r-regoli dwar il-corporate governance għall-istituzzjonijiet finanzjarji biex tkun żgurata amministrazzjoni prudenti u proċeduri ta' kontroll intern bħala mekkaniżmu ta' prevenzjoni.
- Ikun konkluż l-iscreening tal-liġi Rumena fis-settur tas-servizzi mhux finanzjarji.
- Tkun allinejata b' mod sħiħ ma' l-acquis il-leġislazzjoni tal-protezzjoni tad-data, b' attenzjoni speċjali fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar.

Il-Moviment liberu tal-kapital

- Jitkompla l-allinjament tal-leġislazzjoni u tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva sussegwenti tagħha.
- Ikunu implimentati d-dispożizzjonijiet tat-tieni Direttiva dwar il-ħasil tal-flus u jkun żgurat l-infurzar tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-ħasil, Tfittxija, Żamma u Konfiskazzjoni.
- Ikunu aboliti r-restrizzjonijiet fuq l-investment dirett 'il ġewwa li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet diskriminatorji fil-leġislazzjoni ta' setturi speċifiċi inkluż il-ħtiġijiet taċ-ċittadinanza u r-residenza.
- Ikunu liberalizzati il-movimenti tal-kapital skond it-tabella tal-liberalizzazzjoni fir-Rumanija.
- Tkun adottata leġislazzjoni biex jitlesta l-allinjament mal-leġislazzjoni ta' l-UE dwar is-sistemi tal-pagament.
- Ikompli jkunu liberalizzati il-movimenti tal-kapital skond it-tabella fi tlett stadji tal-liberalizzazzjoni fir-Rumanija.
- Attenzjoni speċjali għandha tingħata lill-applikazzjoni korretta u uniformi tar-reġim legali u istituzzjonali biex tkun garantita il-libertà ta' l-operazzjonijiet kapitali kollha, mhux biss fl-ivell nazzjonali, imma anke fl-ivelli reġjonali u lokali.

Liġi tal-Kumpanniji

- Isir aktar progress fl-allinjament ma' l-acquis tal-liġi tal-kumpanniji u l-ikkontjar u jkompli jkun segwit it-titjib tal-kapaċità amministrattiva f'dan is-settur, partikolarment fl-infurzar tal-liġi.
- Jitnaqqas il-livell ta' piraterija u falsifikar billi: (i) jtkompla l-allinjament tal-leġislazzjoni dwar id-drittijiet tal-propjetà intellettwali u industrijali ma' l-acquis u jitjeb l-infurzar tagħha, speċjalment billi tkun rinfurzata l-kapaċità amministrattiva tal-korpi ta' l-infurzar tad-drittijiet tal-propjetà intellettwali u industrijali, (ii) jissaħħu n-networks inter-istituzzjonali, (iii) tittejjeb il-koperazzjoni fost il-korpi ta' l-infurzar (notarjament il-pulizija, id-dwana u l-ġudikatura), (iv) ikun intensifikat it-taħriġ għall-korpi ta' l-infurzar inkluż l-imħallfin u l-prosekuturi u (v) ikunu żgurati kontrolli xierqa tal-fruntieri.
- Tiddaħħal id-Direttiva tad-drittijiet ta' l-awtur fis-soċjetà ta' l-informazzjoni u d-Direttiva dwar id-drittijiet tal-bejgħ mill-ġdid.
- Jittejjeb ir-rapportar statistiku ta' l-Uffiċċju tad-Drittijiet ta' l-Awtur u l-uffiċċju għall-Invenzjonijiet u Trademarks.
- Jiddaħħal l-acquis fejn jikkonċerna l-interess ekonomiku tal-gruppi, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjonijiet u l-infurzar ta' sentenzi ta' pajjiż barrani f'materji ċivili u kummerċjali.
- Ikun żgurat it-trattament ugwali ta' l-impriżi barranin fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-kumpanniji, notarjament fir-regolament tal-litigazzjonijiet kummerċjali.

Il-politika tal-kompetizzjoni

- Jitlesta l-qafas leġislattiv kemm fl-għajnuna mill-Istat u wkoll fl-anti-trust.
- Ikun żviluppat aktar it-taħriġ tal-persunal kemm fil-Kunsill għall-Kompetizzjoni u wkoll l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni. Ikun intensifikat it-taħriġ tal-ġudikatura fil-qasam tal-kompetizzjoni.
- Jiżdied l-għarfien tar-regoli fost il-parteċipanti kollha fis-suk u dawk li jipprovdu l-għajnuna, partikolarment fost il-komunità tal-kummerċ u kif ukoll il-ġudikatura.
- Tittejjeb il-koperazzjoni bejn il-Kunsill għall-Kompetizzjoni u l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni u jkun rinforzat l-istatus ta' dawn iż-żewġ awtoritajiet b' relazzjoni ma' ministeri Rumani u awtoritajiet oħra rilevanti.
- Fil-qasam ta' l-anti-trust, tkun abolita l-ħtieġa ta' notifika individwali u r-riżorsi għandhom ikunu ffokati fuq każi li jirrapreżentaw l-aktar tgħawwiġ serju tal-kompetizzjoni. Ikunu segwiti investigazzjonijiet b' inizzjattiva propja u politika ta' sanzjonijiet ta' deterrent.
- Ikun żgurat li r-regoli tal-kompetizzjoni jieħdu preċedenza fuq kwalunkwe leġislazzjoni ta' kontra l-kompetizzjoni.
- Fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat, tittejjeb il-kompetenza sabiex tittejjeb il-kwalità tad-deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat.
- Jissaħħaħ id-dritt ta' l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni li jopponu leġislazzjoni li taħtha tingħata għajnuna mill-istat.
- Tittejjeb it-trasparenza ta' l-għajnuna mill-Istat, ikun aġġornat l-inventarju ta' l-għajnuna mill-Istat u jitħejjew u jkunu ppreżentati rapporti annwali lill-Kummissjoni.

- Jittejjeb ir-rekord ta' l-infurzar ta' l-għajnuna mill-Istat, partikolarment b'/billi:
 - (i) kontroll fuq l-utenti tal-miżuri kollha għodda ta' għajnuna biex tkun żgurata l-kompatibilità ma' l-acquis;
 - (ii) infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni dwar għajnuna mhux notifikata;
 - (iii) issir stima tal-miżuri eżistenti ta' għajnuna fir-Rumanija li taħthom tingħata għajnuna mill-Istat biex jinġiebu skond l-acquis u biex miżuri mogħtija qabel ikunu kkonvertiti f'għajnuna kompatibbli.
- Tkun żgurata l-osservanza mal-Protokoll 2 tal-Ftehim ta' l-Ewropa dwar il-prodotti KEFA.

L-Agrikoltura

- Tkun żgurata l-allokazzjoni adegwata ta' riżorsi umani fil-livell ċentrali tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Ikel u Forestrija sabiex tkun permessa l-implimentazzjoni korretta u l-infurzar tal-mekkaniżmi tal-Politika Agrikola Komuni (CAP).
- Ikunu rinforzati l-istrutturi amministrattivi sabiex ikunu żgurati implimentazzjoni u amministrazzjoni aktar effiċjenti tal-miżuri tas-Sapard; l-istess għandhom ikunu rinforzati l-istrutturi amministrattivi meħtieġa għad-disinn, l-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, l-iskrutinju, il-kontroll u l-evalwazzjoni tal-fondi għall-iżvilupp rurali tal-Komunità.
- Tkun żgurata l-finalizzazzjoni malajr tar-riżultati taċ-ċensiment ġenerali ta' l-agrikoltura.
- Ikunu rinforzati l-istrutturi amministrattivi sabiex jittejbu l-kapaċitajiet għall-formulazzjoni tal-politika u l-analiżi ekonomika.
- Il-politika ġdida ta' appoġġ mill-istat għandha tkun immirata lejn l-iżvilupp ta' politika agrikola orjentata lejn is-suq u tingħata aktar kunsiderazzjoni lill-iżvilupp rurali.
- Issir il-preparazzjoni għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-mekkaniżmi ta' l-amministrazzjoni tal-politika agrikola komuni, partikolarment is-sistema integrata għall-amministrazzjoni u l-kontroll (inkluż sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali u sistema ta' identifikazzjoni tal-biċċiet ta' l-art).
- Jitkompla l-allinjament tal-leġislazzjoni veterinarja u fitosanitarja u jitjiebu l-arranġamenti ta' l-ispezzjonijiet, partikolarment fi fruntieri esterni futuri.
- Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva biex tkun implimentata l-istrategġija għas-sigurtà ta' l-ikel.
- Jitħaffu r-riformi strutturali tas-setturi ta' l-agrikoltura u l-ikel agrikolu.
- Ikunu żgurati investimenti biex jitlestew ir-riformi fir-reġistrazzjoni ta' l-artijiet u r-reġistrazzjoni tat-titoli ta' propjetà fl-uffiċċju tar-reġistrazzjoni ta' l-artijiet.
- Dwar il-kwistjonijiet orizzontali, ikunu segwiti l-isforzi f'setturi bħar-reġistrazzjoni ta' l-artijiet, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ferġhat, politika ta' kwalità u n-network tad-data ta' l-ikkontjar ta' l-irziezet (FADN).
- Ikun elaborati il-miżuri ta' infurzar għall-liġi l-ġdida ta' l-inbid (partikolarment dwar ir-reġistru tad-dwieli).
- Tkun rinforzata il-kapaċità amministrattiva biex ikun implimentat u nfurzat l-acquis, partikolarment fl-oqsma veterinarji u fitosanitarji, fejn huma meħtieġa aktar riżorsi umani u finanzjarji mill-Aġenzija Sanitarja Veterinarja Nazzjonali sabiex titlesta l-adozzjoni legali ta' l-acquis veterinarju.

Is-Sajd

- Jitlesta r-reġistru tas-sajd skond il-ħtiġijiet kollha tal-Komunità.
- Tkun żviluppata sistema ta' min jorbot fuqha ta' statistiċi tas-sajd.
- Tkun implimentata leġislazzjoni adottata riċentament li tirregola il-funzjonament ta' l-istrutturi amministrattivi ewlenin u jkunu pprovduti riżorsi u apparat istituzzjonali adegwati li jikkonċernaw l-ispezzjoni u l-kontrolli fl-livelli ċentrali u reġjonali.
- Ikunu kkjarifikati r-responsabbiltajiet amministrattivi bejn il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Ikel u Forestrija u l-Ministeru ta' l-Ilmijiet u l-Protezzjoni ta' l-Ambjent.
- Għandu jitqiegħed persunal għad-dispożizzjoni tad-Dipartiment tas-Sajd fi ħdan il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Ikel u Forestrija.
- Jissaħħu l-attivitajiet ta' kontroll billi titpoġġa aktar enfażi fuq it-taħriġ ta' spetturi tas-sajd, ikun ipprovdut apparat xieraq, u jiżdied in-numru ta' spetturi għall-kontroll tas-sajd tal-baħar.
- Issir preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' regolamenti li jikkonċernaw l-amministrazzjoni u l-kontroll tar-riżorsi.

Il-politika dwar it-trasport

- Fis-settur tat-toroq: (i) tkun rinfurzata l-kapaċità amministrattiva biex ikun implimentat l-acquis fiskali u soċjali/tekniku, (ii) titkompla l-implimentazzjoni ta' programmi biex jitneħħew il-prattiċi diskriminatorji fit-tassazzjoni/ħlasijiet fuq it-trasport fl-art, (iii) titkompla l-implimentazzjoni ta' pjanijiet t' azzjoni biex it-trakkijiet fir-Rumanija ikunu attrezzati b' apparat għall-limitazzjoni tal-veloċita u apparat ta' reġistrazzjoni, (iv) titkompla l-implimentazzjoni ta' regolamenti dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ, (v) tkun implimentata l-iskeda biex ikunu żgurati l-investimenti meħtieġa għat-titjib u rijabilitazzjoni tan-network tat-toroq san-normi axle-weight tal-Komunità, billi tkun ikkunsidrat l-leġislazzjoni ambjentali u (vi) jkun żgurat li l-ispezzjonijiet fit-triq tal-vetturi ma' tagħtix lok għal kwalunkwe diskriminazzjoni de facto bejn trasportaturi u/jew vetturi Rumani u tal-KE.
- Jitkompla l-allinjament tal-leġislazzjoni marittima ta' l-UE finhaw i ta' sigurtà u mhux ta' sigurtà; tittejjeb is-sigurtà marittima, partikolarment il-prestazzjoni ta' l-istituzzjonijiet amministrattivi għas-sigurtà marittima bħala l-istat tal-bandiera u tkun garantita l-indipendenza tagħhom. Jittejjeb urġentament ir-rekord ta' sigurtà marittima tal-flotta Rumena taħt il-Memorandum ta' Pariġi bl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha xierqa. B' żieda ma' dan, ikunu żgurati standards għolja ta' kontroll tal-portijiet ta' l-istat.
- Ikompli jiddaħħal u jkun implimentat l-acquis tal-passaġġi ta' l-ilma interni. Tkun irristrutturata u mmodernizzata il-flotta Rumena tad-Danubju biex tiżdied il-kompetittività tagħha u biex titħejja għat-tħaris tal-ħtiġijiet tekniċi tal-Komunità.
- Ikompli jiddaħħal u jkun implimentat l-acquis ta' l-avjazzjoni u l-linji tal-ferroviji.
- Ikun żgurat li l-kapaċità amministrattiva meħtieġa tkun fpostha sabiex issir il-preparazzjoni għall-investimenti sinifikanti meħtieġa fl-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji u t-toroq.

It-Tassazzjoni

- Jitkompla l-allinjament leġislattiv b' attenzjoni partikolari fuq l-eżenzjonijiet mit-TVM, il-kondizzjonijiet tar-rifużjoni, l-iskop taxxabbli u l-iskemi speċjali tat-TVM, kif ukoll il-livelli ta' dazji tas-sisa, l-istruttura u l-eżenzjonijiet.
- Ikun adottat ir-reġim tas-sospensjoni tad-dazju tas-sisa (partikolarment id-dispożizzjonijiet dwar it-tax warehouses).
- Ikun żgurat li l-leġislazzjoni futura tkun skond il-prinċipji tal-kodiċi ta' kondotta għat-tassazzjoni kummerċjali u jkunu riveduti d-dispożizzjonijiet eżistenti ta' dannu.

- Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-proċeduri ta' kontroll inkluż il-koperazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka. Għandha tingħata attenzjoni partikolari fuq (i) it-titjib tal-ġbir tal-flus u s-sistemi ta' rifużjoni, (ii) il-prevenzjoni ta' frodi fuq rifużjonijiet tat-TVM, (iii) it-tħejija ta' reġistru ta' dawk li jħallu t-taxxi, (iv) l-implimentar ta' strateġija għall-amministrazzjoni tat-taxxa, (v) it-tħejija ta' kodiċi ta' etika u l-miżuri biex dan il-kodiċi ikun applikat, (vi) stima tar-riżorsi umani meħtieġa għas-sistema tat-tassazzjoni u (vii) id-disinjar u l-implimentar ta' sistema ta' taħriġ li tkopri kemm it-taħriġ inizjali u wkoll dak fis-servizz.
- Tkun żviluppata sistema tat-TI sabiex ikun jista' jsir skambju ta' data elettronika mal-Komunità u l-Istati Membri tagħha.

L-Unjoni ekonomika u monetarja

- Jitkompla l-allinjament tal-leġislazzjoni bid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis dwar l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' adeżjoni privileġġjata mill-awtoritajiet tas-settur pubbliku għall-istituzzjonijiet finanzjarji u l-projbizzjoni ta' finanzjament dirett tas-settur pubbliku.
- Ikunu armonizzati b' mod sħiħ l-istatistiċi finanzjarji tal-Gvern mal-ħtiġijiet ta' l-ESA 95.

L-istatistika

- Tkompli tittejjeb il-kwalità u l-kopertura ta' l-istatistiċi billi jkun żgurat li jkunu disponibbli r-riżorsi adegwati biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' l-istatistiċi, inkluż flivell reġjonali.
- Jittejjbu l-metodoloġiji ta' l-istatistika u jinbnew preparazzjonijiet għall-introduzzjoni futura tas-sistema ta' l-Intrastat.
- Tkun żviluppata l-kapaċità tal-persunal ta' l-amministrazzjoni ta' l-istatistika u jkun żgurat li n-numru tal-persunal ma jitnaqqasx aktar.
- Tkun żgurata r-ristrutturazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet tat-tminn uffiċċji reġjonali ewlenin.
- Tkun definita strateġija għat-tul għall-iżvilupp statistiku.
- Għandha kontinwament tkun rinnovata u żviluppata l-kapaċità tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u jkun ipprovdut aktar taħriġ għall-persunal ċentrali u reġjonali sabiex isir użu aktar effettiv ta' l-apparat u l-applikazzjonijiet tas-software.

Politika soċjali u impiegi

- Jitkompla l-allinjament ma' l-acquis fis-settur tal-liġi tax-xogħol u jkun implimentat il-Kodiċi tax-Xogħol ġdid u l-liġijiet l-oħra addizzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' direttivi speċifiċi.
- Ikompli jiddaħħal l-acquis fil-qasam tat-trattament ugwali għan-nisa u l-irġiel u tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Tkun adottata l-liġi dwar il-maternità, il-familja u l-protezzjoni tat-tfal.
- Jitkompla l-allinjament ta' l-acquis għal kontra d-diskriminazzjoni u tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa tiegħu.
- Ikompli jiddaħħal l-acquis dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u jissaħħu l-istrutturi rilevanti amministrattivi u ta' nfurzar, partikolarment l-Ispettorati tax-Xogħol. Tittejjeb il-koperazzjoni bejn il-Ministeru tax-Xogħol u Solidarjetà Soċjali u l-Ministeru tas-Saħħa u l-Familja.
- Tkompli tiddaħħal u tkun implimentata l-leġislazzjoni dwar is-saħħa pubblika – inkluż l-acquis dwar il-kontroll tat-tabakk – u tittejjeb is-sistema nazzjonali ta' sorveljanza u kontroll ta' mard li jittieħed skond il-ħtiġijiet tal-Komunità. Tkun żviluppata sistema ta' kontroll u informazzjoni tas-saħħa li tilħaq l-istandards tal-Komunità.

- Tissaħħaħ il-kapaċità biex tkun amministrata ir-riforma fis-settur tas-saħħa b' mod komprensiv billi jittejjeb l-ippjanar strateġiku għar-riżorsi umani u finanzjarji sabiex isir użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi waqt li tkun żgurata adeżjoni ugwali għall-kura tas-saħħa. Tittejjeb l-akkontabbiltà u t-trasparenza fl-allokazzjoni u l-użu tar-riżorsi tal-kura tas-saħħa.
- Ikun implimentat il-pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-impiegi, wara li jkunu ikkonsidrati il-linji ta' gwida riveduti Ewropej ta' l-impiegi u l-prijoritajiet, ir-rabtiet u r-rakkomandazzjonijiet identifikati fl-istima konġunta tal-prijoritajiet tal-politika ta' l-impiegi (JAP).
- Tkompli tkun żviluppata il-kapaċità ta' l-Aġenzija Nazzjonali għall-Impiegi biex ikunu implimentati miżuri attivi u programmi għall-impiegi, jissaħħu l-istrutturi reġjonali u lokali tagħha u tkun żgurata l-kapaċità xierqa għall-amministrazzjoni ta' proġetti tat-tip tal-Fond Soċjali Ewropew bi tħejjija għall-Fondi Strutturali.
- Ikompli jkunu sostnuti sforzi għall-bini tal-kapaċità ta' l-isħab soċjali, partikolarment dwar ir-rwol futur tagħhom fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-impiegi u soċjali tal-Komunità. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp tal-kapaċità f'setturi ta' politika ġodda inkluż l-inklużjoni ta' l-impiegi u dik soċjali.
- Ikun promoss dialogu soċjali awtonomu, speċjalment f'livell ta' impriżi u dak settorjali, sabiex tittejjeb il-kopertura tiegħu.
- Titlesta l-leġislazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar l-assistenza soċjali u tkun żviluppata sistema ta' eżami u kontrolli li tikkonċerna l-assistenza soċjali. Titlesta u tkun implimentata ir-riforma tas-sistema ta' l-assistenza soċjali, (inkluż it-trasparenza tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni) skond l-acquis.
- Dwar l-implimentazzjoni tal-liġi ta' l-assistenza soċjali, tittejjeb il-koperazzjoni interministerjali, tkun żgurata t-trasparenza fid-deċentralizzar tar-responsabbiltajiet lill-livell lokali, ikun żgurat numru ta' persunal adegwat u taħriġ effettiv tal-persunal, u kif ukoll il-mezzi ta' l-estimi.
- Tkun implimentata l-istrateġija nazzjonali għall-inklużjoni soċjali u għal kontra l-faqar (inkluż l-kollezzjoni tad-data) u tkun adottata l-leġislazzjoni sekondarja sabiex ikunu kkjarifikati r-responsabbiltajiet istituzzjonali tal-korpi u l-awtoritajiet kollha konċernati.

L-enerġija

- Tkunu allinejata l-istrateġija ta' l-enerġija ma' l-għanijiet tal-politika ta' l-enerġija tal-Komunità u jkun żgurat li tindirizza il-problemi strutturali li qiegħed jiffaċċja is-settur: (i) iż-żieda fil-livelli ta' ħlasijiet ta' kontijiet u jkunu rkuprati aktar spejjeż; (ii) it-tnaqqis ta' l-arretrati; (iii) it-tneħħija tat-tgħawwiġ li baqa' fil-prezzijiet fis-settur ta' l-enerġija, kemm jekk diretti jew indiretti; (iv) ir-ristrutturar tat-Termoelectrica b' osservanza sħiħa ta' l-acquis tal-Komunità.
- Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-korpi ġodda stabbiliti fis-settur (partikolarment ir-regolaturi ta' l-enerġija u l-korp ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija).
- Jitkompla l-ftuħ progressiv tas-suq tal-gass u l-elettriku. Jitlesta l-proċess leġislattiv inkluż l-adozzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja.
- Jittieħdu miżuri progressivi biex jinbnew u jkunu amministrati ħażniet ta' żejt skond l-acquis.
- Titnaqqas l-intensità ta' l-enerġija ta' l-ekonomija Rumena, fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' l-enerġija. Ikun sostnut it-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija billi tkun iffrankata aktar enerġija u jittejjeb l-użu ta' eġhun ta' enerġija riġenerati. Ikompli jiddaħħal l-acquis ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija (it-tikkettjar ta' appliances, l-istandards ta' effiċjenza minimi).
- Tkun żgurata l-osservanza tal-ħtiġijiet u l-proċeduri ta' l-Euratom.
- Ikompli jkunu implimentati ir-rakkomandazzjonijiet kollha li jinsabu fir-Rapport tal-Kunsill ta' l-2001 dwar is-sigurtà nukleari fil-kuntast tat-tkabbir u r-rapport tiegħu dwar l-istatus ta' l-eżami rivedut ta' Ġunju 2002, dwar il-prijoritajiet assenjati fir-rapporti.

- Ikompli jkun żgurat livell għoli ta' sigurtà nukleari fl-impjant ta' l-enerġija nukleari ta' Cernavoda.
- Ikun iffokat it-tisħiħ ta' l-indipendenza, ir-riżorsi u l-kapaċitajiet ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali għas-sigurtà nukleari.
- Ikunu ndirizzati kwistjonijiet ta' karburanti nukleari użat jew ħela nukleari.

Il-politika industrijali

- Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-istrutturi meħtieġa biex tkun implimentata l-istrateġija tal-politika industrijali Rumena b' enfażi partikolari fuq strutturi fuq livell reġjonali.
- Ikun rivedut il-qafas tal-politika u l-leġislazzjoni preżenti sabiex tittejjeb l-adeżjoni ta' l-impriżi (partikolarment IŻM) għall-investiment finanzjarju.
- Titkompla l-implimentazzjoni ta' miżuri li jissimplifikaw u jstabbilizzaw l-ambjent kummerċjali sabiex ikun attirati investimenti barranin.

L-impriżi żgħar u ta' daqs medju

- Ikun żgurat approċċ kordinat biex ikunu implimentati kemm il-pjan ta' azzjoni għat-tneħħija ta' barrieri għall-IŻM kif ukoll il-pjan ta' azzjoni għat-tneħħija ta' barrieri amministrattivi għall-kummerċ.
- Tkun implimentata l-Karta Ewropea għall-Impriżi Żgħar.
- Jittieħdu miżuri biex tkun evitata d-duplikazzjoni tar-responsabbiltajiet u jkun żgurat li hemm kordinazzjoni effettiva bejn il-ħafna aġenziji involuti fis-settur.

Ix-xjenza u Riċerka

- Tkun rinfurzata il-kapaċità amministrattiva u l-infrastruttura dwar ir-riċerka sabiex jiżdiedu l-benefiċċji mill-assoċjazzjoni mal-qafas ta' programmi rilevanti tal-Komunità inkluż is-Sitt Qafas ta' Programm (2002-2006).

L-edukazzjoni u t-taħriġ

- Issir il-preparazzjoni għall-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-edukazzjoni tat-tfal ta' ħaddiema immigranti sad-data ta' l-adeżjoni.

It-telekomunikazzjonijiet u teknoloġiji ta' l-informazzjoni

- Jitkompla l-allinjament ma' l-acquis u tkun adottata aktar leġislazzjoni ta' implimentazzjoni, partikolarment dwar is-servizzi postali.
- Tissaħħaħ l-indipendenza ta' l-awtorità regolatorja ġdida u jiżdiedu it-taħriġ u l-investiment finanzjarju biex ikun żgurat li teżisti kapaċità amministrattiva adegwata.
- Titlesta s-separazzjoni ta' l-interessi regolatorji u proprjetorji.

Il-politika kulturali u awdjoviżwali

- Tkompli tkun allinejata l-leġislazzjoni u żviluppata l-kapaċità tal-Kunsill Awdjoviżwali Nazzjonali biex tkun infurzata il-liġi awdjoviżwali ġdida b' mod prevedibbli, trasparenti u effettiv.
- Ikun żgurat li r-ristrutturazzjoni li saret fil-Ministeru tal-Kultura u l-Affarijiet Reliġjużi dwar l-affarijiet awdjoviżwali ma taffetwax il-kapaċità istituzzjonali Rumena biex ikun żgurat allinjament leġislattiv effettiv.

Il-politika reġjonali u l-kordinazzjoni ta' strumenti strutturali

- Tkun żviluppata politika nazzjonali għall-koeżjoni ekonomika u soċjali u, f'dan il-kuntest, ikun aġġornat regolament u mtejjeb il-pjan ta' żvilupp nazzjonali (partikolarment permezz ta' aktar kordinazzjoni mal-proċessi ta' l-estimi nazzjonali u tal-formulazzjoni tal-politika, inkluż ipprogrammar u estimi multi-annwali).
- Tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tal-korpi li huma responsabbli mill-ipprogrammar u l-amministrazzjoni tal-fondi għall-koeżjoni ekonomika u soċjali, skond l-approċċ tal-Fondi Strutturali.
- Tkun stabbilita diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet flivell nazzjonali u reġjonali u tittejjeb il-kapaċità amministrattiva f'termini ta' reklutaġġ, profili ta' karrieri u taħriġ.
- Tittejjeb il-koperazzjoni bejn il-Ministeri, kif ukoll bejn l-aġenziji rilevanti u s-sħab soċjali u ekonomiċi.
- Tkun stabbilita s-sistema ta' kontroll u evalwazzjoni meħtieġa għall-Fondi Strutturali, partikolarment għall-utenti u għal wara l-evalwazzjoni u għall-ġbir ta' l-informazzjoni u l-indikaturi ta' l-istatistiċi rilevanti.- Tkun żviluppata l-kapaċità teknika biex jitmexxew proġetti li jkunu ko-finanzjati mill-Fondi Strutturali: (i) issir l-għażla, d-diskussjoni u l-kjarifika tal-prijoritajiet ta' żvilupp kemm flivell nazzjonali u wkoll livell reġjonali u (ii) issir l-identifikazzjoni, l-ipprogrammar, u l-preparazzjoni tal-proġetti.
- Ikunu ndirizzati kemm l-aspetti leġislattivi u kif ukoll dawk amministrattivi li jikkonċernaw il-ħtiġijiet tal-Komunità dwar l-amministrazzjoni u kontroll finanzjarju (funzjonijiet ta' kontroll u awditjar, il-mobilizzazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni finanzjarja, ko-finanzjament nazzjonali). Issir il-preparazzjoni biex ikunu allokati l-funzjonijiet ta' kontroll u partikolarment il-funzjoni ta' awditjar intern fi ħdan l-awtoritajiet amministrattivi, l-awtoritajiet li jħallsu u, jekk inhu l-każ, il-korpi intermedjarji.

L-ambjent

- Titlesta l-istima komplessiva tas-sitwazzjoni fis-settur ta' l-ambjent sabiex ikunu identifikati l-ispejji li jridu jmtlew.
- Tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' l-acquis, inkluż permezz ta' l-assigurazzjoni tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa, b' enfażi partikolari fuq l-istima ta' l-impatt ambjentali, l-adeżjoni għall-informazzjoni, l-immaniġġjar ta' l-iskart, it-tniġġiż industrijali u l-amministrazzjoni tar-riskju, il-protezzjoni tan-natura, l-organiżmi kimiċi u mmodifikati ġenetikament, is-sigurtà nukleari u l-protezzjoni tar-radżazzjoni.- Jitjieb il-mezz li bih titħejja il-leġislazzjoni billi issir konsultazzjoni sħiħa ma' dawk kollha involuti (inkluż ministeri oħra, operatori ekonomiċi u NGOs), u tingħata konsiderazzjoni sħiħa għall-ħtiġijiet ta' l-implimentazzjoni, inkluż stima sħiħa ta' l-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni.
- Ikunu żviluppati pjanijiet ta' implimentazzjoni flimkien ma' strateġiji finanzjarji, biex ikunu iddelinejati il-passi meħtieġa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa għaż-żmien medju u fit-tul. Dawn il-pjanijiet għandhom jikkonsidraw ir-riżorsi disponibbli u t-tisħiħ istituzzjonali, u jelaboraw aktar il-mekkaniżmi biex jikkontrollaw b' mod effettiv l-implimentazzjoni. Ikun żgurat l-involviment ta' dawk kollha involuti fil-fażi ta' l-ippjanar ta' l-implimentazzjoni.
- Tittejjeb il-kapaċità amministrattiva biex ikun implimentat l-acquis, permezz ta' rinfurzar tal-persunal kemm fil-Ministeru u wkoll f'korpi oħra rilevanti. Meħtieġa attenzjoni partikolari fuq it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-Ispettorati tal-Protezzjoni Ambjentali fil-livell lokali u anke fil-livell reġjonali kif ukoll il-kordinazzjoni bejn il-ministeri.
- Ikun żgurat li jitpoġġew ir-riżorsi suffiċjenti disponibbli fil-livell lokali biex jittejjeb l-istatus tal-persunal eżistenti, biex ikunu rreklutati spetturi ġodda, u jkunu mħarrġa adegwatament.
- Ikunu rinfurzati l-istrutturi u l-mekkaniżmi (inkluż il-kordinazzjoni bejn il-ministeri) biex tkun żgurata l-integrazzjoni tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni ambjentali fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki settorjali l-oħra kollha sabiex ikun promoss l-iżvilupp sostenibbli.

Il-protezzjoni tal-konsumaturi u s-saħħa

- Tinbeda l-implimentazzjoni ta' strateġija għal ħames snin għall-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Konsumatur.
- Titjeb il-koperazzjoni bejn l-atturi rilevanti f'dan is-settur u jkun ikkjarifikat ir-rwol rispettiv u l-kompiti tagħhom.
- Tkun implimentata l-leġislazzjoni eżistenti u jkun żgurat li l-istrutturi amministrattivi huma kapaċi jaħdmu b' mod effettiv, partikolarment fis-sorveljanza u l-infurzar tas-suq. Titpoġġa enfażi partikolari fuq aspetti ta' sigurtà ta' prodotti tal-konsumatur li m' humiex ta' l-ikel u jkunu allokatu riżorsi adegwati għall-ittestjar fil-laboratorji.
- Jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi u produttori tar-regolamenti l-ġodda u jkun promoss ir-rwol ta' l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika għall-konsumatur.

Il-ġustizzja u intern

- Jitkompla t-titjeb ta' l-amministrazzjoni tal-fruntieri billi: (i) jitwessa' l-iskop ta' l-istrateġija integrata għall-amministrazzjoni tal-fruntieri biex tkopri l-fruntieri kollha, (ii) tkun żviluppata sistema integrata għas-sorveljanza tal-baħar, (iii) titjeb il-kordinazzjoni u l-koperazzjoni ta' l-aġenziji kollha li jaħdmu fuq il-fruntieri, (iv) jimtlew il-vakanzi fil-pulizija tal-fruntieri, (v) ikunu mmodernizzati l-infrastruttura u l-apparat fuq il-bażi ta' l-implimentazzjoni ta' pjan għall-investment multi-annwali u (vi) jiżdied l-użu ta' metodi ta' analiżi ta' riskju u t-tisħiħ tal-funzjoni ta' l-intelliġenza fi ħdan il-pulizija tal-fruntieri.
- Ikun implimentat il-pjan ta' azzjoni aġġornat ta' Schengen u titkompla l-preparazzjoni għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-SIS II billi jkunu żviluppati databases u reġistri nazzjonali.
- Jitjiebu aktar l-arranġamenti tal-viża billi (i) jitkompla l-allinjament mal-listi posittivi u negattivi ta' l-UE, (ii) it-tikketta nazzjonali tal-viża issir aktar żgura, (iii) tittejjeb il-kapaċità amministrattiva taċ-ċentru tal-viża u (iv) l-uffiċċji kollha diplomatiċi u konsulari jkunu pprovduti b' apparat tekniku biex jinqabdu dokumenti kkoppjati u ffalsifikati.
- Jitkompla l-allinjament ma' l-acquis tal-leġislazzjoni ta' l-asil, ikun żgurat ir-rispett sħiħ lejn il-prinċipju ta' non-refoulement, u jkunu implimentati programmi ta' integrazzjoni għal dawk li jfittxu asil jew refuġjati.
-
- Jitkomplew l-isforzi biex tkun miġġielda l-immigrazzjoni illegali minn ġewwa r-Rumanija jew minnha, b' attenzjoni speċjali lejn l-organizzazzjonijiet li jaffiċilitaw id-dħul illegali tal-bnedmin (partikolarment nisa u tfal) fl-Istati Membri ta' l-UE. Għandha tingħata aktar attenzjoni lill-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni ripatrijati, speċjalment vittmi ta' traffikar uman.
- Ikun żgurat li jintlaħqu l-ħtiġijiet minn qabel għall-konklużjoni tal-ftehim ta' koperazzjoni mal-Europol.
- Titkompla l-ġlieda kontra d-drogi billi (i) jitkompla l-implimentar ta' l-istrateġija nazzjonali biex ikunu miġġielda l-abbuż mid-drogi u t-traffiku illeċitu tad-drogi u l-oriġinaturi, (ii) jissaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi u ta' kordinazzjoni ta' l-Aġenzija Nazzjonali kontra d-Drogi, (iii) ikun stabbilit legalment punt fokali nazzjonali b' mandat ċar li jstipula il-kompiti u r-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu u (iv) tkun żviluppata aktar is-sistema ta' informazzjoni dwar id-drogi biex tippovdi kontroll u eżaminar aktar preċiż tas-sitwazzjoni.
- Titkompla l-preparazzjoni għall-implimentazzjoni ma' l-adeżjoni tat-tielet livell tal-konvenzjonijiet għall-koperazzjoni doganali.

- Jittieħdu aktar miżuri biex tkun żgurata l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-UE fis-settur tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, notarjament dwar ir-rikoxximent reċiproku u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.
- Tkun emendata l-leġislazzjoni sabiex tidħol u tkun implimentata il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali ta' l-UE ma' l-adeżjoni. Jittieħdu l-passi meħtieġa bi preparazzjoni għall-implimentazzjoni sħiħa ma' l-adeżjoni ta' l-istrument li japplika l-prinċipju tar-rikoxximent reċiproku u partikolarment il-mandat ta' arrest Ewropew u l-Qafas ta' Deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' l-ordnijiet li jiffriżaw proprjetà jew xiehda.
- Jitkompla l-allinjament ma' l-acquis dwar il-protezzjoni tal-liġi kriminali ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet (Konvenzjoni ta' l-1995) u tkun implimentata l-leġislazzjoni rilevanti.
- Ikun żgurat l-allinjament leġislattiv ma' l-acquis dwar il-protezzjoni tal-liġi kriminali tal-euro kontra l-iffalsifikar.

Għaqda doganali

- Titlesta l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tad-dwana, partikolarment dwar ir-regoli ta' l-oġġini u l-istatus ta' żoni ħielsa.
- Tittejjeb il-koperazzjoni bejn is-servizzi tad-dwana u korpi oħra ta' l-infurzar.
- Jittieħdu l-miżuri biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi u b' mod sħiħ tal-proċeduri tad-dwana tat-territorju tad-dwana.
- Ikunu miġġielda l-irregolaritajiet billi jiżdied l-użu ta' metodi ta' analiżi ta' riskju u t-tisħiħ tal-funzjoni ta' l-intelliġenza ta' l-amministrazzjoni tad-dwana.
- Jitkomplew l-isforzi biex tkun implimentata il-politika ta' etika tad-dwana u miġġielda l-korruzzjoni fi ħdan is-servizzi tad-dwana.
- Ikunu implimentati miżuri li jnaqqsu l-ħin ta' stennija fuq il-fruntiera, biex ikun miġġield il-moviment minn fruntiera għall-oħra ta' oġġetti piratati u ffalsifikati u tkun miġġielda l-kriminalità ekonomika u kriminalità organizzata.
- Tkun rinforzata l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali fil-qasam ta' l-infurzar tad-dwana. Għandhom ikunu eżaminati il-ħtiġijiet tar-riżorsi umani u jkun żviluppat taħriġ ċentralizzat.
- Imħaffa l-implimentazzjoni ta' l-istrategġija tat-TI ta' l-amministrazzjoni tad-dwana Rumena; ikunu żviluppati sistemi tat-TI biex jippermettu l-iskambju ta' data kompjuterizzata fil-Komunità mkabbra; issir it-tħejjija għall-istallazzjoni u t-tħaddim ta' CCN/CSI (Common Communications Network/Common Systems Interface).
- Jittieħdu l-passi għall-implimentazzjoni, fl-istess żmien ta' l-adeżjoni, tar-rabtiet fis-setturi tal-kollezzjoni u kontroll tar-riżorsi proprji tal-Komunità u l-amministrazzjoni ta' l-aspetti tad-dwana tal-politika agrikola komuni (kontroll tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, eċċ.).

Relazzjonijiet esterni

- Issir analiżi tat-trattati u ftehim kollha internazzjonali sabiex ikun żgurat li jsiru t-tħejjijiet biex dawk li m' humiex kompatibbli ma' l-acquis jintemmu jew jiġu negozjati mill-ġdid fi żmien xieraq.

Kontroll finanzjarju

- Ikunu żviluppati l-kapaċitajiet istituzzjonali għall-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar il-kontroll finanzjarju preventiv u l-liġi dwar l-awditjar intern. Ħtieġa partikolari hija l-ġeneralizzazzjoni ta' units indipendenti u funzjonabbli għall-awditjar intern f'istituzzjonijiet pubbliċi, organizzati mill-ġdid skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi l-ġdida dwar l-awditjar pubbliku intern. Għandha tingħata attenzjoni partikolari fuq l-istituzzjonijiet responsabbli għall-amministrazzjoni tal-fondi tal-Komunità.

- Tkun stabbilita Unit Ċentrali għall-Armonizzazzjoni ta' l-Awditjar Pubbliku Intern, responsabbli għall-elaborazzjoni u l-adattamenti ta' qafas legali unitarju fil-qasam ta' l-attività ta' l-awditjar pubbliku intern.
- Tkun żgurata l-indipendenza tal-Qorti Rumena tal-Kontijiet permezz ta' emenda kostituzzjonali skond l-istandards internazzjonali li jikkonċernaw l-istituzzjonijiet supremi ta' l-awditjar.
- Jissaħħu l-proċeduri għall-iskrutinju parlamentari tas-sejbiet ta' l-awditjar tal-Qorti tal-Kontijiet u titjieb it-trasparenza u t-tixrid tar-rapporti tal-Qorti tal-Kontijiet.
- Ikunu żviluppati u implimentati standards għall-awditjar estern, li jikkonformaw ma' standards ta' awditjar estern aċċettati internazzjonalment u skond l-acquis. Għandu jkun żviluppat aktar taħriġ għall-persunal.
- Tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ta' l-irregolaritajiet taħt il-Phare, Sapard u ISPA.
- Tkun żgurata l-effettività operazzjonali u l-indipendenza operazzjonali tas-servizzi ta' kordinazzjoni kontra l-frodi (AFCOS), u implimentata kooperazzjoni effettiva ma' l-OLAF b' dan is-servizz. Tingħata prijorità lill-iżvilupp tal-mekkaniżmi għall-istħarriġ amministrattiv u għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' l-investigazzjonijiet kontra l-frodi.
- Jittieħdu l-passi meħtieġa biex issir il-preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' l-acquis dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

Estimi

- Jitkompla l-bini tal-kapaċità teknika u amministrattiva dwar l-attivitajiet ta' tħejjija li jikkonċernaw l-amministrazzjoni operazzjonali tar-riżorsi proprji. Jitkomplew l-isforzi biex jiġu definiti il-proċeduri meħtieġa u l-arranġamenti organizzazzjonali u żviluppati il-kapaċitajiet meħtieġa biex ikunu kkordinati il-kalkulazzjoni, l-eżaminazzjoni, il-pagament, il-kontroll u l-evalwazzjoni tal-fondi lill-u mill-estmi tal-Komunità skond l-acquis dwar ir-riżorsi proprji.
- Tittejjeb il-kapaċità li jkun ikkalkulat ir-riżors bażi tat-TVM skond l-istandards ESA 95.
- Jinbeda l-iżvilupp tas-sistema ta' rapportar fuq każi ta' frodi u irregolaritajiet u s-sistema ta' l-ikkontrjar fl-oqsma tar-riżorsi proprji tradizzjonali.
- Tinbeda azzjoni dwar l-aspetti organizzazzjonali u l-kapaċità amministrattiva assoċjati magħhom dwar il-levies fuq iz-zokkor, b' attenzjoni partikolari biex tkun stabbilita l-istruttura, ir-responsabbiltajiet u l-mod tal-funzjonament għall-Aġenzija tal-Pagament u l-Intervent.

5. IL-PROGRAMMAZZJONI

Għall-perjodu 2000 sa 2006, u minbarra l-Phare, l-assistenza finanzjarja lir-Rumanija tikkonsisti f'appoġġ għall-miżuri ta' qabel l-adeżjoni għall-iżvilupp agrikolu u rurali permezz ta' l-istrument ta' qabel l-adeżjoni Sapard (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/99, ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 87) u appoġġ għall-proġetti ta' infrastruttura fl-oqsma ta' l-ambjent u t-trasport permezz ta' l-istrument strutturali ISPA (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/99, ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 73), li jagħti prijorità lill-miżuri simili għall-fond ta' koeżjoni fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni. Taħt dawn l-allokazzjonijiet nazzjonali, ir-Rumanija tista' wkoll tiffinanzja parti mis-sehem tagħha fil-programmi tal-Komunità inkluż il-Qafas ta' Programmi għall-Iżvilupp ta' Riċerka u Teknoloġija u programmi fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u impriżi. Barra minn hekk ir-Rumanija ikollha l-adeżjoni għall-finanzjament minn programmi multi-statali u orizzontali li jikkonċernaw direttament l-acquis. konġunt Finanzjarju by the candidate countries is systematically required for all proġetti ta' investment. Mill-1998 il-Kummissjoni ħadmet mal-Bank Ewropew ta' l-Investment u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, partikolarment il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Bank Dinji, bil-għan li jkun iffaċilitat il-ko-finanzjament ta' proġetti li jikkonċernaw il-prijoritajiet ta' qabel l-adeżjoni.

6. IL-KONDIZZJONALITÀ

L-assistenza tal-Komunità għall-finanzjament ta' proġetti permezz tat-tlett strumenti kollha ta' qabel l-adeżjoni, Phare, ISPA, u Sapard huwa kkondizzjonat fuq ir-rispett mir-Rumanija tar-rabtiet tagħha taħt il-Ftehim ta' l-Ewropa, aktar passi li jissodisfaw il-kriterji ta' Copenhagen kriterji u partikolarment progress fit-twettiq tal-prijoritajiet speċifiċi tas-Sħubija ta' l-Adeżjoni rivedut. In-nuqqas ta' rispett ta' dawn il-kondizzjonijiet ġenerali jista' jwassal għal deċiżjoni mill-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' l-assistenza finanzjarja fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 622/98.

7. IL-KONTROLL

L-implimentazzjoni tas-Sħubija ta' l-Adeżjoni u t-triq gwida hija kkontrollata fil-qafas tal-Ftehim ta' l-Ewropa. Kif emfassizzat mill-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu, huwa importanti li l-istituzzjonijiet tal-Ftehim ta' l-Ewropa ikomplu jkunu l-qafas li fih jiġu eżaminati l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-acquis. Is-sottokumitati tal-Ftehim ta' l-Ewropa jipprovdu l-possibiltà li tkun riveduta l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tas-Sħubija ta' l-Adeżjoni kif ukoll il-progress dwar l-approssimazzjoni legali, l-implimentazzjoni u l-infurzar. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jiddiskuti l-iżviluppi globali, il-progress u l-problemi lejn it-twettiq tal-prijoritajiet tas-Sħubija ta' l-Adeżjoni u wkoll kwistjonijiet oħra speċifiċi imsemmija mis-sottokumitati.

Il-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Phare jiżgura li azzjonijiet iffinanzjati taħt it-tlett strumenti kollha ta' qabel l-adeżjoni, Phare, ISPA, u Sapard, huma kompatibbli ma' xulxin u kif ukoll mas-Sħubija ta' l-Adeżjoni kif imniżżel fir-Regolament ta' Kordinazzjoni (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/99 (ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 68)).

Is-Sħubija ta' l-Adeżjoni jibqa' jiġi emendat kif meħtieġ skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 622/98.
